# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru: 123/16 CSH**

**Michael u David ahwa Sciberras ezercenti l-kummerc bl-isem "Firm Benny Sciberras"**

**vs**

**2A Co. Ltd. (C44598)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar it-2 ta' Gunju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallashom is-somma hamest elef, tmien mija u tlieta w erbghin Ewro u zewg centezmi (€5,843.02) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha, li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxall Eugenio Mallia datat 26 ta' Awwissu 2016 fejn thalliet kopja tar-

rikors promotur fil-Kunsill Lokali ta' B'Kara u fl-ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara (fol. 9 tergo).

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-30 ta' Awwissu 2016 (fol 8) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar l-14 ta' Novembru 2016 (fol. 20).

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Semghet lill-attur David Sciberras fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 jikkonferma li l-kreditu taghhom kif indikat fir-rikors promotur ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta w erbghin Ewro u zewg centezmi (€5,843.02) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi dovuti mil-lum.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur mill-atturi kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**